



# Mikiel Anton Vassalli u Ħal Lija

minn Carlston Grima B.A. (Unuri) (Melit.), P.G.C.E. (Melit.), M.A. (Melit.)

## Min hu Mikiel Anton Vassalli?



Vassalli (1764 - 1829) kien bniedem li ħalla warajh ħeġġa ta' żagħżugħ li fetħet it-triq tal-kitba tal-ilsien Nazzjonali, kif hu kien imdorri jsejjaħ lill-ilsien Malti. Għex fi żminijiet li sawrulu ħajtu u xi minn daqqiet għaġnu l-kobor tiegħu bis-sewwa u bl-imgħawweġ, bis-sabiħ u l-ikrah tiegħu.

Vassalli kien imsaħħar b'kemm il-lingwa Maltija kienet qadima u sabiħa u kien iqis l-ilsien Malti bħala simbolu ewlieni tal-kultura tagħna. L-ideal ta' Vassalli kien li jgħaqqad lil Malta bħala nazzjon, u jibqa' mfakkar għall-ħsieb oriġinali tiegħu, jiġifieri l-proġett tal-iskejjel madwar Malta. Dan tal-aħħar kien importanti għax f'dak iż-żmien kien hemm injoranza kbira.

Għal Vassalli l-edukazzjoni kienet dritt tat-tfal kollha u kellha tingħata mingħajr ebda ħlas. Għalih it-tagħlim ma kellux ikun relatat mal-klassi soċjali tat-tfal imma li tiddetermina l-futur tagħhom.

Dawn l-iskejjel li kien qed jipproponi Vassalli ma kellhomx ikunu mmexxija mill-kleru. Imma jekk fil-proġett ta' Vassalli l-knisja ma kienx se jkollha sehem, kellha r-responsabbilità li tipprovdi l-iskejjel u l-finanzi. L-għadd ta' kappelli mxerrda mal-gżira kellhom iservu ta' klassijiet filwaqt li dan il-proġett kellu jkun iffinanzjat mill-benefatturi li kienu numerużi. Fil-knejjes kellhom ukoll jitpoġġew kaxxi tal-flus biex il-fidili jitfgħu d-donazzjonijiet tagħhom. Il-Malti riedu mgħallem bħala l-ewwel għajnuna għat-tagħlim ta' ilsna oħra mgħallmin fi żmienu fil-pajjiż, fosthom it-Taljan u l-Latin. Minkejja l-isforzi ta' Vassalli, dan il-programm ma kienx twettaq.

## Ix-Xogħlijiet ta' Vassalli

Vassalli qabel kellu 17-il sena ma kien jaf bl-ebda lsien barrani imma nafu li ta' 19-il sena kien

idur l-irħula biex jiġbor il-qwiel. Iktar tard, f'Ruma ppubblika l-*Alfabeto Maltese* (1788), ktieb ta' tmien paġni. Għal kull ħoss, Vassalli għażel ittra waħda.

Sentejn wara ppubblika *Alfabet Malti* (1790), li fih 24 paġna. Missier l-ilsien Malti jibqa' magħruf għad-dizzjunarju, li semmieh il-*Lexicon* (1796), fejn kull kelma hija spjegata bil-Latin u mbagħad bit-Taljan. Ippubblika wkoll il-grammatika *Mylsen Phoenico-Punicum* (1791) u l-*Grammatica della Lingua Maltese* (1827), kif ukoll ippubblika ġabra ta' qwiel bil-Malti li fihom fittex li jinterpreta l-identità u l-għerf tal-poplu Malti ta' żmienu (1828).













## Ir-relazzjoni ta' Vassalli u Ħal Lija

Fl-aħħar jiem tal-Ordni ta' San Ġwann, fl-1797, Vassalli kien imdieħes fit-tixwix li kien hawn kontra l-Ordni, u milli jidher ukoll kellu bosta nies li kienu qegħdin jgħinuh fil-ħsieb tiegħu u għamluh kap tagħhom.

Fid-19 ta' Settembru 1792, ir-Repubblika Franċiża wettqet illi l-beni kollha tal-Ordni għandhom jiġu maqbuda. L-aktar ġid li kellha l-Ordni kienu fi Franza u għalhekk ħabta u sabta sabet ruħha f'għaks kbir.

Napuljun Bonaparte kull fejn rebaħ, speċjalment fl-Italja, beda jaħtaf il-ġid tal-Ordni, filwaqt li l-Portugal u Spanja bdew jieħdu tant fil-mija minn fuq il-beni tagħhom sabiex jarmaw kontra Franza. B'hekk l-Ordni ġiet telliefa sew. Il-Partit Franċiż kien ilu li nibet hawn Malta, u iktar ma tikber ir-Repubblika iktar jiżdiedu huma, u dawn kienu l-Ġakbini.

Hawnhekk beda jinħass il-għaks u l-Maltin, li fl-aħħar żminijiet tal-Ordni ħassewhom imżebilħin minn qabel mill-Kavallieri, bdew jitqarrsu u mxewxin minn xi Kavallieri Franċiżi, bdiet tinbet fihom ix-xewqa li jbiddlu l-Gvern ta' Malta.

Vassalli, mill-banda l-oħra, żagħżugħ rasu mimlija bil-ħsieb li jifdi l-ġieħ u jerfa' l-kundizzjoni mgħarrqa tal-Maltin, u kif deherlu wkoll, ta' lsienhom bħala nazzjon, kien donnu wasal f'waqt tajjeb minn Ruma. Wara dan it-taqlib kollu, ġie minn Ruma xi ftit b'rasu mħeġġa b'dawk l-ideat ġodda ta' ħelsien u jedd illi fi Franza u f'artijiet oħra tal-Italja bdew ifewġu.

Fil-bidu tal-*Lexicon*, kien wera kemm il-Maltin bit-tagħlim nazzjonali; l-ilsien Malti, jista' jiddawwal iżjed, sew f'dak li għerf kemm f'dak li huma dmirijiet u liġijiet li hu xtaq li jsiru bil-Malti. Din il-ħaġa, f'dawk iż-żminijiet, kienu meqjusa bħala dagħwa, imma ħadem qatigħ biex dan iseħħ verament.

Vassalli fl-1797 kien magħruf hawn Malta bħala raġel għaref, mixgħul b'ħeġġa kbira u bl-isbaħ ħsibijiet għal ġid pajjiżu, u għalhekk xi nies li kienu mdejqa b'dak li kien qed jiġri f'Malta u oħrajn tal-Partit Ġakbin għażluh biex taħt dawn iċ-ċirkostanzi jsewwi d-dinja, u jekk hemm bżonn, jaħseb biex issir bidla fil-Gvern ta' Malta. B'danakollu, Vassalli qatt ma kellu f'rasu li jeħles mill-Kavallieri, iżda ried illi l-Maltin ikollhom il-jedd li jistħoqqilhom bħala nazzjon u li jinfetħu l-bibien tal-kummerċ ma' artijiet u Potenzi li minnhom Malta setgħet tistenna xi faraġ u b'hekk terfa' rasha.

Imma l-Ordni ma riedx dan u ngħaqad mal-Partit Rivoluzzjonarju. Hawn jidħol ir-raħal ta' Ħal Lija.

Għalhekk fost il-Kavallieri Franċiżi u fost xi Maltin li mħajrin mill-Franċiżi stess ingħaqdu bil-moħbi ġewwa dar f'Ħal Lija, biex iwaqqgħu lill-Ordni ta' San Ġwann u floku jdaħħlu l-Gvern ġdid tar-Repubblika Franċiża. Kellhom xi ftehim b'ittri ma' Dolomieu, f'Pariġi, u ma' xi diretturi tar-Repubblika u iżjed tard kienu jibagħtu xi ittri lill-ġeneral Bonaparte.

*(Ir-ritratti tad-dar li jinsabu f'dan l-artiklu,*





*huma marbuta mat-tradizzjoni orali, li sar matul iż-żminijiet, mill-parruċċani ta' Ħal Lija)*

Xtaq qabelxejn iwieżen lill-Ordni u jressaq in-nazzjon Maltija lejn il-Gvern tagħha. Dan il-mezz kien li (1) ssir talba s-Santa Sede sabiex l-Ordni ma jibqax jikkumbatti lill-Musulmani, (2) jinfetaħ il-port ta' Malta għall-kummerċ tal-Lvant, u (3) titwaqqaf lingwa ġdida biex fiha jidħlu l-Maltin. Iżda dan il-proġett hekk għaqli, li jnaqqas it-telf kbir ta' ġid tal-Ordni u li n-nazzjon Maltija tingħaqad mal-Ordni b'rabtiet ġodda, ma ġiex milqugħ u għalhekk Vassalli fittex triq oħra li jwaqqa' l-gżira f'idejn il-pajżani tiegħu.

Imma dan kollu sfaxxa fix-xejn. Missier ta' familja, illi għaraf jisraq is-sigriet minn fomm ibnu li kien imdaħħal fil-konfoffa, mar jikxef lin-nies ta' din ix-xirka u għalhekk arrestaw lil Vassalli, lil Ċensu Barbara u lill-oħrajn tal-partit. Vassalli spiċċa magħluq ġewwa ħabs fil-Forti Rikażli u żżagħżugħ Barbara itturufnat għal dejjem minn Malta. Il-bqija ġew maħqurin, arrestati u mitfugħin il-ħabs.

Fl-aħħar nett, minn din is-sentenza jidher biċċar illi Vassalli u sħabu ġew misjuba ħatja ta' delitt kontra l-Istat, konfoffa għall-qawma tal-Maltin kontra l-Ordni u ta' serq ta' porvli u armi tan-nar mill-Armerija tal-Ordni f'Ħal Qormi. Imma l-ħsieb tiegħu kien biss li Malta tkun nazzjon għaliha u li l-Malti jingħata l-post li jixraqlu, l-ilsien nazzjonali ta' Malta.

## Biblijografija


***Kotba u Sit Elettroniku***

Ciappara, Frans. *M. A. Vassalli - An Enlightened Maltese Reformer*. Malta: Midsea Books, 2014. Stampat.

Cremona, Ninu. *Mikiel Anton Vassalli u żminijietu*. Malta: KKM, 1975. Stampat.

Fenech, Dwardu. *Vassalli u Kitbietu*. Malta: PAM, 1977. Stampat.

Sammut, Frans. *Il-Ħolma Maltija*. Malta: SKS, 1994. Stampat.

http://www.akkademjatalmalti.com